malta biennale .art 2024

Under the Patronage of His Excellency the President of Malta and unesco

## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

VALLETTA, Malta, 26 ta' Marzu 2024

### Arti u kultura aċċessibbli għal kulħadd permezz tal-maltabiennale.art

Matul tmiem il-ġimgħa, il-maltabiennale.art introduċa offerta speċjali hekk kif ingħata skont ta' 50% fuq il-prezzijiet tad-dħul fis-siti ta' Heritage Malta, li fihom qed jidhru x-xogħlijiet tal-biennale. Ir-rispons kien kbir, u kienu bosta dawk li ħerqanin esploraw imkejjen ikoniċi bħalm'huma l-Palazz tal-Gran Mastru, il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-MUŻA, il-Forti Sant'Anġlu, u t-Tempji tal-Ġgantija, fost oħrajn. Fihom esperjenzaw għadd ta' xogħlijiet artistiċi, b'kull sit ilaqqa' narrattivi kontemporanji fi ħdan ambjent storiku permezz tat-tema "baħar abjad imsaġar taż-żebbuġ."

"Ir-rispons tal-pubbliku għall-inċentiva tal-weekend li għadda, li kienet suċċess, ġab miegħu sodisfazzjoni kbir. L-għan tagħna hu li nagħmlu l-maltabiennale.art avveniment inklussiv u attraenti għal kulħadd, u aħna ddedikati li nsibu modi innovattivi kif niġbdu bl-istess mod kemm nies li jsegwu x-xena artistika frekwentament u kemm nies li huma ġodda għal din ix-xena. Inizjattivi bħal dawn mhux biss isaħħu x-xena kulturali iżda jsaħħu wkoll ir-rabta bejn l-udjenzi u l-arti u l-wirt tagħna. Nistiednu lil kulħadd jingħaqad magħna f'dan il-vjaġġ tant eċitanti ta' esplorazzjoni hekk kif dan l-ewwel maltabiennale.art ikompli jiżvolġi," stqarr Mario Cutajar, il-Fundatur u l-President tal-maltabiennale.art u ċ-Chairman ta' Heritage Malta.

It-tim maniġerjali, flimkien mal-imsieħba, għandu pjanijiet speċjali biex jintroduċi iktar offerti speċjali u inċentivi għall-attivitajiet marbutin mal-maltabiennale.art. Flimkien max-xogħlijiet artistiċi kontemporanji li jidhru fil-Padiljun Prinċipali u l-padiljuni tematiċi, il-biennale kabbar il-programm ta' attivitajiet tiegħu biex jinkludi firxa wiesgħa ta' esperjenzi. Minn spettakli teatrali u films interessanti għal taħditiet ingaġġanti, workshops interattivi, u attivitajiet għat-tfal. Hemm xi ħaġa għal kulħadd biex igawdi u jesplora waqt il-biennale.

Fil-ġimgħat li ġejjin, fil-kalendarju kulturali ta' Malta se jiżdiedu bosta avvenimenti organizzati minn entitajiet kulturali fl-okkażjoni tal-maltabiennale.art, bħall-kunċert annwali tal-Għid ta' TOI TOI, "A Dream is A Wish," ġewwa t-Teatru Manoel nhar it-30 u l-31 ta' Marzu, u "Dances for Gozo," ta' ŻfinMalta, li se jsir fit-Teatru Aurora ġewwa Għawdex nhar is-6 t'April.

Fit-12 t'April, fiċ-Ċittadella, Għawdex, il-Kuratur Anzjan tal-Mużew Marittimu, Liam Gauci, se jitkellem dwar l-istorja tal-kursara u l-piraterija f'Malta tas-seklu 18 f'taħdita intitolata "Morte o Fortuna." Fit-28 t'April imbagħad, il-kollettiv Taljan La

Rivoluzione delle Seppie se jmexxu "Professions of the Giants," purċissjoni pubblika minn Forti Sant'Iermu sal-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta. B'hekk se jiżdied saff ieħor ta' rikkezza kulturali fl-esperjenza tal-biennale. Dan u aktar se jsir bħala parti mill-programm tal-maltabiennale.art bl-għan li jintlaħqu udjenzi ġodda.

Ibqa' aġġornat mal-offerti u l-attivitajiet li qed joffri l-maltabiennale.art fuq il-paġni tal-midja soċjali uffiċjali tagħna. Esplora l-programm sħiħ tal-biennale, li fih dettalji dwar il-padiljuni ewlenin kollha, dwar il-padiljuni nazzjonali u tematiċi, kif ukoll dwar avvenimenti anċillari, billi żżur is-sit maltabiennale.art.

*maltabiennale.art hija inizjattiva tal-Heritage Malta permezz ta' MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, bi sħubija mal-Kunsill Malti tal-Arti. maltabiennale.art hija ppreżentata wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, mal-Ministeru ta' Għawdex, kif ukoll ma' Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv. L-inizjattiva tinkludi s-sehem tal-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, L-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Franco La Cecla, IULM University Milan, id-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, il-Fakultà tal-Arti u Turiżmu, id-Dipartiment tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta, id-Dipartiment Arkeoloġiku ta' Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Heritage Malta.*

*maltabiennale.art tista' ssibhom online:*
*Is-sit uffiċjali: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*

# PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, 26th March 2024

## maltabiennale.art making art and culture accessible to all

Over the weekend, maltabiennale.art introduced a special offer, granting visitors a 50% discount on entrance fees to Heritage Malta sites featuring biennale works. The response was overwhelming, drawing crowds eager to explore iconic locations like The Grand Master's Palace, National Museum of Archaeology, MUZA, Fort St Angelo, and the Ggantija Temples, among many others to experience a diversity of artworks, with each site weaving contemporary narratives within historical settings through the theme of "white sea olive groves."

"We're delighted by the response from the public to last weekend's incentive, which was a great success. Our goal is to make maltabiennale.art inclusive and appealing to everyone and we're dedicated to finding innovative ways to engage both seasoned art enthusiasts and newcomers alike. Initiatives like these not only enhance our cultural scene but also strengthen the bond between audiences and our art and heritage. We invite everyone to join us on this exciting journey of exploration as the inaugural maltabiennale.art continues to unfold over the coming months," shares Mario Cutajar, Founder and President of maltabiennale.art and Chairman of Heritage Malta.

The management team, along with its partners, has exciting plans to introduce more special offers and incentives for events hosted during maltabiennale.art. Alongside the fascinating contemporary artworks featured in the Main Pavilion and thematic pavilions, the biennale has expanded its event roster to include a wide array of experiences. From theatrical performances and enlightening art films to engaging lectures, interactive workshops, and family-friendly activities for children, there's something for everyone to enjoy and explore throughout the duration of the biennale.

In the next few weeks, Malta's bustling cultural calendar features upcoming events organised by cultural entities on the occasion of maltabiennale.art such as TOI TOI's annual Easter concert, "A Dream is A Wish," at Teatru Manoel on March 30th and 31st, and ZfinMalta's "Dances for Gozo" at Teatru Aurora in Gozo on April 6th.

On April 12th, within Gozo's Citadella, Head Curator of the Maritime Museum, Liam Gauci, will delve into the intriguing tales of corsairs and privateers in 18th-century Malta in a lecture titled "Morte o Fortuna." Meanwhile, on April 28th, Italian collective La Rivoluzione delle Seppie will lead "Professions of the Giants," a public procession from St. Elmo Fort to Grand Master's Palace in Valletta,

promising another layer of cultural richness to the biennale experience. All part of the maltabiennale.art outreach programme.

Stay up to date with all the latest maltabiennale.art offers and happenings on the official social media pages. Explore the complete biennale programme, featuring details on all main pavilions, national and thematic pavilions, as well as ancillary events, by visiting maltabiennale.art.

*maltabiennale.art is a Heritage Malta initiative through MUŻA, the Malta National Community Art Museum, in partnership with Arts Council Malta. maltabiennale.art is also presented in cooperation with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade, National Heritage, the Arts and Local Government, and Gozo, as well as with Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv. With the participation of Malta School of Art, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, Malta Philharmonic Orchestra, Franco La Cecla, IULM University, Milan, Department of Humanities Studies, Faculty of Arts and Tourism, Underwater Department Heritage Malta, Archaeological Department Heritage Malta and Maritime Museum Heritage Malta.*

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*